MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2013

Numru. 336/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs.**

**Jacob k/a Jimmy Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Jacob k/a Jimmy Grech ta’ 52 sena, iben Jospeh u Carmela xebba Azzopardi, imwieled Cospicua nhar it-23 ta’ Mejju 1955 u residenti fil-fond numru 24, Triq il-Palm, Zabbar, detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 368255 (M)

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fl-14 t’Ottubru 2007 u fis-snin ta’ qabel:

a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 t'Ottubru 2007 u fis-sena ta' qabel;

(a) Kellhu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Superintendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-14 t'Ottubru 2007 u fis-snin ta' qabel

c) soqt vettura b'numru tar-registrazzjoni GRE-007, minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15(1(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

U fl-ahharnett talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 t'Ottubru 2007 u fis-sena ta' qabel:

d) ma kontx kopert b'polza ta' sigurta dwar terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet biex f'kaz ta' htija, l-imsemmija persuna jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn 11-il xahar.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordnijiet ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31), u bis-sahha tas-

subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja, u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju pjuttost bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni pjuttost bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali raffrettarja tieghu u li hu ikkopera mal-pulizija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 u ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ tlett elf mija u hmistax-il Euro (€3115.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50.00), b’dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Frar 2013, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi

konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) dovut.

In oltre il-Qorti tordna li l-hati jigi skwalifikat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet relatati maghha li gew esebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------